MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1331/2002

**Peter Pace.**

**-vs-**

**System Solutions Company Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien impjegat mal-kumpanija konvenuta in forza ta' kuntrat ta' impjieg tas-26 ta' Jannar 2001, kopja annessa bhala Dok A, ghal zmien specifikat ta' sentejn u sitt xhur li bdew jiddekorru mill-1 ta' Frar 2001;

Illi l-kumpanija konvenuta tterminat l-impjieg tal-attur b'effett mill-31 ta' Jannar 2002 u cioe sena u sitt xhur qabel ma ghalaq iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta' impjieg fuq imsemmi, kif anke jirrizulta mill-ittri tal-kumpannija konvenuta tat-12 ta Jannar 2002, kopja annessa bhala Dok. B u tal-11 ta' Jannar 2002, kopja annessa bhala Dok. C;

Illi, ghat-tenur tal-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg (Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta), l-kumpannija konvenuta, minhabba t-terminazzjoni tal-impjieg fuq imsemmija, hija obbligata li thallas lill-attur somma ekwivalenti ghal nofs il-paga (kif definit fl-istess Att) kollha li kienet tmiss lill-istess attur dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem skond il-kuntratt fuq imsemmi ammontanti ghal hamest elef disa mija u tnejn u erbghin lira u hamsin centezmu (Lm5942.50) jew somma verjuri;

Illi l-kumpannija konvenuta baqghet inadempjenti ghalkemm interpellata;

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li, ghat-tenur tal-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet tal-Impjieg (Kaptiolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta), l-kumpannija konvenuta, minhabba li tterminat l-impjieg tal-attur qabel ma ghalaq iz-zmien specifikat fil-kuntratt ta' impjieg fuq imsemmi, hija obbligata li thallas lill-attur somma ekwivalenti ghal nofs il-paga (kif definit fl-istess Att) kollha li kienet tmiss lill-istess attur dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem skond l-istess kuntratt;

2. Tillikwida l-ammont hekk dovut fl-ammont ta' hames elef disa mija u tnejn u erbghin lira u hamsin centezmu (Lm5942.50) jew somma verjuri ekwivalenti ghal nofs il-paga (kif definit fl-istess Att) kollha li kienet tmiss lill-

istess attur dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem skond il-kuntratt fuq imsemmi;

3. Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hamest elef disa mija u tnejn u erbghin lira u hamsin centezmu (Lm5942.50) jew somma verjuri dovuta kif fuq inghad;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-kumpannija konvenuta li rapprezentant taghha hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fl-14 ta' Frar, 2003 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepixxiet:

1. Illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg li l-attur kellu mas-socjeta' eccipjenti kienet bazata fuq raguni tajba u bizzejjed ai termini ta' l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa, fi kwalsiasi kaz, ezagerat.

3. Ghaldaqstant, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez a karigu ta' l-attur.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Emanuel Farrugia, I.D. 92255(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza wara t-trattazzjoni tal-Avukati rispettivi.

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mic-citazzjoni l-attur qed jitlob li jithallas nofs il-paga li kellu jippercepixxi sat-tmiem tal-kuntratt tax-xoghol li kellu mas-socjeta’ konvenuta u liemaa kuntratt l-istess socjeta’ ttertiminat fl-ahhar ta’ Jannar 2002 minnflok wara sentejn u nofs li bdew mill-1 ta’ Frar, 2001.

Is-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi li kellha ragunijiet bizzejjed biex tittermina l-impjieg qabel iz-zmien *ai termini* tal-Ligi u cioe’ l-Kap. 135 tal-Ligijiet ta’ Malta li kien japplika fiz-zmien li gie kuntrattat il-ftehim bejn il-partijiet billi l-Att tas-sena 2002 dwar ir-relazzjonijiet industrijali kien ghadu ma giex fis-sehh. L-Artikolu 34 (11) tal-imsemmi Kap. 135 kien jghid illi *Principal li jibghat ‘il barra mpjegat qabel ma jaghlaq iz-zmien specifikat f’kuntratt ta’ impjieg ikollu jhallas nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taz-zmien espressament miftiehem.* Is-Sub-artikolu 14 imbaghad kien jippermetti lill-principal jittermina l-impjieg ghal *raguni tajba bizzejjed*.

Ghandu mill-ewwel jinghad illi s-socjeta’ konvenuta biddlet ghal kollox ir-raguni li tat meta tterminat l-impjieg tal-attur permezz tal-ittra taghhom tat-12 ta’ Jannar, 2002 (Fol 8). Hemmhekk ma semmew xejn mill-aggravji li xehedu dwarhom id-diretturi tas-socjeta’ fis-smiegh tal-kawza anzi r-raguni li taw lill-attur kienet, *lack of work available and the deterioration in the company’s financial position.* Anzi spiccaw l-ittra billi rringrazzjaw lill-attur ghall-isforzi u dedikazzjoni tieghu. Barra minn dan kif jidher a fol 9 huma taw lill-attur riferenza tajba u qalu li x-xoghol li kellu jaghmel kien *carried out to a high satisfaction.*

Fis-smiegh tal-kawza pero’ wiehed mid-diretturi Emanuel Farrugia ilmenta li l-attur ma tahomx is-servizz li kienu qed jistennew u semmew diversi ilmenti tal-klijienti taghhom. Farrugia qal li huma riedu jzommu relazzjoni tajba mal-attur u kien ghalhekk li qalulu li kienu qed jitterminawlu l-impjieg

minhabba nuqqas ta’ xoghol u li qatt ma taw twissijiet lill-attur. Is-socjeta’ konvenuta pproduciet bhala xhieda ukoll liz-zewg impjegati tad-ditta DFK li kellha relazzjoni ta’ xoghol ma’ l-istess socjeta’.

Il-Qorti thoss li kollox ma kollox is-socjeta’ konvenuta naqset li tipprova li kellha raguni tajba bizzejjed kif trid il-ligi biex tittermina l-kuntratt. Mhux biss hemm kontradizzjoni notevoli bejn dak li kitbu r-rappresentanti taghha meta tterminaw l-impjieg u dak li qalu wara izda anke kieku wiehed kellu jinsa dan isib li huma ma ppruvax li l-problemi li kellhom kienu mputabbli ghall-attur. Wiehed japprezza li din kienet problema teknika u allura biex wiehed jaghmel prova taghha m’huwiex facli izda wara li wiznet il-provi l-Qorti thoss kif gia’ inghad li l-provi ma jikkonvincuhiex illi kellhom ragun jitterminaw l-impjieg. Wiehed jinnota li l-Ligi ma tghidx biss raguni – izda *raguni tajba bizzejjed.* Dan certament biex tenfasizza li din ir-raguni trid tkun gravi bizzejjed biex tiggustifika t-tmiem tal-kuntratt tax-xoghol.

Ghal dik li hija likwidazzjoni tal-ammont dovut l-attur kellu paga ta’ sebat elef lira Maltin (Lm7,000) fis-sena u tmien mitt Lira Maltin (Lm800) *travelling allowance.* Hawnhekk il-Qorti ma taqbilx mat-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-attur li argumenta li anke din tal-ahhar hija parti mill-paga. Fid-definizzjoni ta’ paga skond l-Att in kwistjoni infatti fil-waqt li l-Ligi tghid li paga tfisser remunerazzjoni jew qliegh u tinkludi l-bonus imkien ma ssemmi *allowance* li normalment wiehed jassocjaha ma’ l-ispejjes li jkollu l-impjegat in relazzjoni max-xoghol tieghu. Ladarba din l-ispiza ma jkunx se jibqa’ jgorrha ma hemmx lok li tigi komputata ghall-iskop ta’ kazijiet simili.

Il-kuntratt kellu jispicca f’Awwissu 2003 (sentejn u nofs minn Frar 2001) u billi gie tterminat fl-ahhar ta’ Jannar 2002 kif baqa’ sena u nofs biex jiskadi. Kwindi f’dak il-perjodu l-attur kellu jiehu ghaxart elef u hames mitt Lira Maltin (Lm10,500) u

ghalhekk nofs din is-somma hija hamest elef, mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm5,250). Barra minn dan kien intitolat ghal bonus statutorju (anke skond il-kuntratt innifsu) u cioe’ mija u erbgha Liri Maltin (Lm104) fis-sena u ghalhekk mija u sitta u hamsin Lira Maltin (Lm156) ghal sena u nofs – nofs dan l-ammont jigi tmienja u sebghin Lira Maltin (Lm78) u kwindi total ta’ hamest elef, tlett mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin (Lm5,328).

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ l-ewwel talba attrici; tilqa’ t-tieni u t-tielet talba izda tillikwida l-ammont dovut lill-attur ghas-somma ta’ hamest elef, tlett mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin (Lm5,328) u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta’ hamest elef, tlett mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin (Lm5,328).**

**L-ispejjes jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------